**Possibbli dan int?**

Naf tant umli
Dejjem tiċċaċra,
Dan kif issa sirt
Taqta' bħal xafra?

Jaħasra nafek
Tifraħ bil-bnedmin?
Għaliex titbiegħed
U ssir bħal kefrin?

Li nsew l-imgħoddi
Minfejn kienu bdew?
Insew 'l-ferħ tagħhom?
Maqdru dak li swew?

Le ħabib, indem
Ifraħ int b'kulħadd,
Ftakar li Kristu
Ma keċċa lil ħadd.

U jekk tgerrixlu
Lil dawn in-nagħġiet,
Għalihom jaqbeż
Jinżel mis-smewwiet.

Le mhux hekk ħija
Ħalli naqbdu t-triq,
Tas-sliem w l-imħabba
Din Kristu jixtieq.

F'idejh il-verdett
Li jgħid hu isir,
Tgħallem iċċekken
Tibqax ħija lsir.

Itlob bil-ħerqa
Tnaddaf mill-istint,
Ftakar fil-kelma:
Possibbli dan int?

Patri Mario Attard OFM Cap

7 ta' Awwissu 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.